taraha wara li joħroġ fil-għodu kmieni bil-merħla tal-mogħoż għall-ibliet tmur tiknislu l-maqjel, tqattagħlu s-silla, timlielu l-imxatar bil-ġwież u l-istla bl-ilma.

Iżda Trejżi ma dametx ma nġabret f'darha bir-razzett li Ġanni kien wiret minn għand missier ommu,—raġel bidwi xiħ. Ir-razzett bir-raba' madwaru kellu x-xatba tiegħu tagħti għal fuq it-trieq ta' tarf ir-raħal, fejn mal-koxxa talbieba tagħha darba waħda huwa u rieġa' lejn daru millibliet bil-merħla, Ġanni kien lemaħha mrekkna titħaddet mas-suldat Freddie. Minn dak il-bieb tax-xatba, hija u dieħla l-ewwel darba fid-dar il-ġdida, Trejżi waqfet u baxxiet rasha, u wiċċha sar aħmar nar. "X'int taħseb?", staqsieha Ġanni. Trejżi baqgħet b'rasha l-isfel, ċaqalqet fommha: "Kemm kont belha!" temtmet "kemm domt ma għaraftek, kemm domt ma fhimthek!"

"Iżda issa għaraftni?"

"Iva Ġanni."

"Iżda issa fhimtni?"

"Iva Ġanni."

"U tibqa'?"

"Għal dejjem!"

U bla ma riedet infexxet f'bikja u ntelqet fi ħdanu Hemm qabel ma ġibed il-ħabel tar-rixtellu biex jirfes ma Trejżi mill-għatba l-ġewwa, Ġanni f'dik l-istess rokna fejn kien lemagħha tkellem lil dak li kien seraqhielu minn qalbu, raġa' laqagħha fi ħdanu biex qatt ma tinfired minnu. Iżda Trejżi ma marretx għand Ġanni waħidha. Flimkien mal-għamara xtaqet lil Ġanni jġorrilha ħaġa wisq iżjed għażiża minn kull ħaġ'oħra li biha għammrilha l-għorfa—u din fost l-għamara qadima tad-dar t'ommha li baqgħet ħajja, kienet ix-xbieha għażiża tal-Madonna tad-Duluri, li bis-saħħa tagħha hija ħelset mill-mewt, u li lejha kellha qima hekk kbira u lilha kienet tant tħobb titlob. U Ġanni, bla ma qagħad jaħsibha darbtejn, ta' qalbieni li kien, bla ma qagħad jistenna li jitnaddaf u jitwetta l-ġebel imġarraf tad-dar reġa' daħal taħt dik il-ħerba ta' radam tal-biża', u minn hemm ħareġ ix-xbieha għażiża tal-Madonna tad-Duluri li quddiemha huwa u l-mara kull fil-għaxija qabel ma jmiddu rashom fuq l-imħadda kienu jinżlu għar-rkubbtejhom u jroddulha ħajr talli ħarsithom mill-mewt u saħansitra mill ħsarat tal-hemm li fih kienet tinsab id-dinja, u hekk kienu jagħalqu għajnejhom b'rashom mistrieħa fid-



dalma miksura mid-dija ċkejkna tad-dawl iteptep tal-lampa tal-Madonna li kienet twennishom... fil-waqt li fuq rashom it-tvenvin ta' ajruplani għaddejja kienu jħossuh f'widnejhom bħal għanja lejlija li bih dari għajnejhom kienu jingħalqu fl-iżjed nagħsa ħelwa.

A. Cremona.

# Il-Għelma tal-Ħelsien

*Lil Michael Kissaun b'xhieda ta'*
*l-akbar ħbiberija.*

Fuq baħar kbir ta' ramel qed jiġġieldu,
Ġo ħalq il-mewt, fin-nar u d-demm jissieltu,
Il-Qalbenin b'ħeġġa ta' Qima w Rieda
Li ma jqisux il-għaks u l-waħx tal-ġlieda;
Driegħhom mogħnija bil-qawwa li ttemm,
Ħsiebhom fir-Rebħa li wasslithom hemm.

Hemm qed jiġġieldu f'taqbidiet bla ħniena;
X'qatt jista' jbażża' dawk in-nies qalbiena
Li raw tidħak il-Mewt? Dħaħen u biża':
L-ulied jisfaw iltiema u jormlu n-nisa.
Imma mill-biki w l-hemm għad naħsbu l-ferħ,
Wara t-taqdir ikollna l-ħajr u s-serħ.

Il-Ħaqq għad jirbaħ, w għad jegħleb fis-sewwa
Il-qilla w l-għira ħarxa ta' l-egħdewwa.
Għax jirbaħ kull min f'qalbu jgħożż l-Imħabba,
Min ixerred id-demm, bla għajb imtabba'.
U fuq dil-qerda minn tal-ġnus w ż-żmien
Tperper, rebbieħa, l-Għelma tal-Ħelsien.

18/2/'42

Ġużè Chetcuti